Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Numru 87/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**

**VS**

**ISMAEL HABESH**

**Illum 15 ta’ Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ismael Habesh bin Omar u Burnija nee’ Xduri, imwieled Tripoli fl-1 ta’ Jannar, 1971, u joqghod “Joanne” Flt. 3, Triq il-Kostituzzjoni Mosta, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 15771(A);

Talli nhar is-27 ta’ Jannar 2002, ghall-habta tas-2.30 ta’ filghodu, waqt li kien San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ta’ serq ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bin-natura tal-oggett misruq ghad-dannu ta’ Adrian Agius minn Haz Zabbar;

U aktar talli f’dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fil-vettura Numru JAP 984 ghad-dannu ta’ l-istess Adrian Agius liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

U fl-ahharnett talli rrenda ruhu recediv;

Wara illi rat l-Artikoli 261 et, 338 et, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi semghet l-ammissjoni ta' l-istess imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni hlief ghal dik tar-recediva, din il-Qorti m'ghandhix alternattiva ohra, hlief li ssibu hati ta' kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, fil-waqt li tilliberah mill-akkuza tar-recediva, qeghda tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija, izda tordna illi din is-sentenza ma' tibdix isehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, l-istess imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, u dan ai termini tal-Artikolu 28 A.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------